



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Settembru 2023
(OR. en)

10941/23
COR 2

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0180 (NLE)

ACP 65
WTO 93
RELEX 763
COAFR 211
FDI 13

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola

Il-paġna EU/AO/mt 40 għandha tiġi sostitwita bil-paġna meħmuża.

ARTIKOLU 38

Arbitraġġ

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu hilitom biex jaqblu dwar il-kompożizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim bħal dan fi żmien 30 jum mill-aċċettazzjoni tat-talba għall-arbitraġġ skont l-Artikolu 37(4), kull Parti għandha taħtar arbitru fi żmien 30 jum ieħor.

L-arbitri maħtura mill-Partijiet għandhom jaħtu b'mod konġunt il-President tat-tribunal, li ma għandux ikollu n-nazzjonalità ta' xi waħda mill-Partijiet.

2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel valutazzjoni oġġettiva tal-kwistjoni quddiemu. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura applikabbli.

3. Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jikkonkludi li l-miżura inkwistjoni ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, il-Parti li jkun sar l-ilment kontriha għandha tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex minnufih issir konformi.

4. F'każ li t-talba għall-arbitraġġ tkun ġiet miċħuda mill-Parti li lilha tkun saret it-talba għall-arbitraġġ, jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rapport tat-tribunal, il-Parti li tkun talbet arbitraġġ tista' tadotta miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim li jkunu proporzjonati għan-nuqqas li jiġu ssodisfati l-obbligi speċifiċi.